MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 291/2012

**De La Tour Enterprises Limited (C-3442)**

**Vs**

**Riviera Resort Limited (C-23519)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mija, sitta u sittin ewro, sitta u tmenin centezmu (€6,166.86) dovuta minnek bhala prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lilek fuq ordni tieghek stess ghal uzu fil-lukanda operata minnek u maghrufa bhala "Riviera Resort and Spa" ta' Marfa Bay, Mellieha, Malta ghall-perijodu bejn l-erbatax (14) ta' Gunju, 2011 u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 2011 skont l-istatement of Account hawn anness u mmarkat bhala

"Dok A" premess illi ghalkemm inti gejt interpellata kemm-il darba sabiex thallas l-ammont dovut minnek, inkluz bl-ittra ufficjali numru 1226/2012 mibghuta taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, Ligijiet ta' Malta, fl-ewwel (1) ta' Gunju, 2012 inti nqast milli taghmel dan b'dan illi l-ammont ghadu dovut s'issa.

Bl-ispejjes gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz ta' l-ittra ufficjali msemmija kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi sal-pagament effettiv, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-istess socjeta' konvenuta, ppresentata llum stess "seduta stante" u li biha l-istess socjeta' konvenuta, kif rapprezentata, ammettiet it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz id-dokument a fol 2 tal-istess atti u markat Dok A .

In vista ta' dak premess il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' sitt elef, mija sitta u sittin ewro, sitta u tmenin centezmu (€6,166.86) bl-imghax legali "a scaletta" skont l-anness dokument markat Dok A li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1226/2012, tal-1 ta' Gunju, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------